# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024**

**Numru 3**

**Rikors numru : 649/14/AF**

**Wilfried Tops**

**v.**

**Laferla Insurance Agency Limited (C 14529) u**

**Middlesea Insurance plc (C 5553) ghal kull interss li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

B'rikors ġuramentat tal-24 ta' Lulju 2014 l-attur fisser li huwa u martu kienu assikurati mas-soċjetà konvenuta Laferla Insurance Agency Limited ("Laferla") b'*medical insurance policy* sa mis-sena 2007; li Laferla waqqfet ħesrem il-*cover* tiegħu billi allegat *non-disclosure of a material*

*fact* da parti tiegħu; ħaġa li huwa jiċħad. Għalhekk talab (i) dikjarazzjoni li t-twaqqif imsemmi huwa inġust u illegali billi ma kien hemm l-ebda *non-disclosure* (ii) dikjarazzjoni li l-assikurazzjoni msemmija għadha tgħodd (iii) tillikwida l-ammonti li ħareġ minn butu u li kellhom jitħallsu bil-polza (iv) tordna l-ħlas tagħhom (v) tpoġġieh lura fil-pożizzjoni daqslikieku l-polza medika qatt ma ġiet ikkanċellata.

Il-konvenuti eċċepew (i) l-attur kien ta informazzjoni skorretta u inkompleta lil Laferla dwar fatti li min-natura tagħhom li kieku kienet taf bihom jew ma kinitx taċċetta li tassikurah jew tbiddel il-polza (ii) anke jekk it-twaqqif ma kienx tajjeb, l-attur aċċettah billi la kompla jħallas il-*premium* u lanqas iddepożitah il-Qorti (iii) il-ħruġ tal-polza ma jġibx l-obbligu ta' tiġdid indefinit (iv) il-polza ma tistax titpoġġa lura fis-seħħ; il-ksur ta' xi obbligu kuntrattwali jagħti biss lok għad-danni.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attur b'sentenza tal-14 ta' Mejju 2019.

**L-aggravji**

B'rikors tal-appell imressaq fil-31 ta' Mejju 2019 l-attur talab it-tħassir tas-sentenza bl-aggravji li (i) ma kien hemm l-ebda *non disclosure* jew *misrepresentation* (ii) bla preġudizzju, nuqqas bħal dan irid ikun dwar fatt materjali (iii) ma kien hemm l-ebda kanċellament tal-polza.

Il-konvenuti wieġbu għal dan l-appell fl-24 ta' Ġunju 2019 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

Waqt l-udjenza tas-17 t'Ottubru 2023 d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu u l-appell ġie differit għal-lum quddiem din il-Qorti diversament komposta għas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li kuntrarjament għal dak li stabbiliet l-Ewwel Qorti, ma kien jaħti tal-ebda *non disclosure.* Dan għaliex:

(i) Wieġeb sewwa għall-mistoqsija *"Have you consulted a medical practitioner and been provided with prescriptions for drugs or medication within the last two years"* kif ukoll għall-mistoqosija *"Have you consulted a specialist in the last two years in connection with an actual or suspected medical condition?"* billi m'hemm xejn x'juri li ġie ordnat jieħu xi mediċini u lanqas li kien isofri minn kundizzjoni medika attwali jew issuspettata. Meta mela l-proposal form ma kien ibati minn xejn.

Din il-Qorti tqis dan ir-raġunament tal-appellant bħala sofistiku għall-aħħar. Fil-perjodu rilevanti, huwa mhux biss ikkonsulta lill-kirugu ortopediku magħruf Mr Massimo Abela imma saħansitra mar fi sptar Svizzeru biex jieħu *a second opinion* appuntu dwar kundizzjoni medika li kien qiegħed jissuspetta li kellu. L-isptar ikkonferma l-fehma tal-kirurgu li kien hemm bżonn ta' *fusion of my ankle joint. I thought it was drastic."*[1] Skont rapport tal-istess sptar, datat 04.12.2012, "*several operations have been performed on his right ankle over the years, and this in order to correct the angle of his foot".*[2] Altru minn intervent ħafif u insinifikanti, kif jipprova jpenġih l-attur appellant.

(ii) Jisħaq li semma' l-inċident ta' meta kien żagħżugħ lil Pio Dalli, uffiċjal imlaħħaq ma' Laferla, meta mela l-proposal form iżda dan qallu

[1] Fol. 55.
[2] Fol. 10.

li ma kellux għalfejn; li l-piż tal-prova tan-*non disclosure* ħamsin sena qabel kien fuq Laferla li iżda naqset li tipproduċi lil Dalli bħala xhud.

L-Ewwel Qorti m'emmnitx din il-verżjoni. Innutat li l-attur ma semmiex dan l-inċident fl-affidavit tiegħu, kif kien mistenni li jagħmel, imma semmieh biss wara li martu għamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens fl-affidavit tagħha; u li ġaladarba semmieħ l-attur, kien sta għalih li jipproduċiħ bħala xhud. Din il-Qorti ta' reviżjoni ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddisturba dan l-apprezzament tal-provi, u l-pronunzjament dwar il-piż tal-prova, li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza. Din il-Qorti tqis ukoll li kull parti trid iġġib l-aħjar prova – kif kienet tkun ix-xhieda ta' Dalli. Barra minn hekk, kif sewwa jikkumentaw l-appellati fir-risposta tagħhom (i) din il-verżjoni l-appellant ħareġ biha biss wara li kien sarlu l-kontro-eżami, u wara li kien għalaq il-provi tiegħu. Għalhekk ix-xhieda tiegħu lanqas biss kienet ammissibbli (ii) meta jkun mitlub minn mistoqsijiet preċiżi, id-*disclosure* hija obbligu oġġettiv, u għalhekk tibqa' hemm ukoll jekk il-persuna li tkun qiegħdha titlob il-ħruġ tal-polza tħoss li ma tkunx rilevanti.

It-tieni aggravju hu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-ħabi kien wieħed materjali.

Biex dan l-aggravju jinftihem aħjar, din il-Qorti sejra tirriproduċi, fis-sustanza, il-prinċipji legali li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-element tal-materjalita`, imbagħad tiċċita siltiet mis-sentenza fejn ġew applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ.

Dwar il-prinċipji legali, l-Ewwel Qorti kkonstatat hekk:

(i) Oġġettivament, fatt materjali huwa fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-deċiżjoni ta' assikuratur prudenti meta jiġi biex jara jekk għandux jieħu riskju.[3]

(ii) Il-proponent għandu l-obbligu li jagħti risposta ċara dwar dettalji li jiġu mistoqsija lilu espressament fil-proposal form.[4] L-informazzjoni mitluba fil-proposal form hija dejjem materjali, minħabba l-importanza, ukoll jekk soġġettiva li l-assikuratur ikun qiegħed jagħtiha, għax kieku ma kienx jinkludiha.[5]

(iii) l-istorja ta' inċidenti li jkollu min jitlob li jiġi assikurat – u, fil-każ ta' kopertura medika, l-istorja medika - hija ta' importanza kbira għall-assikuratur.

L-ewwel Qorti applikat dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ permezz ta' dan ir-raġunament:

L-attur jikkontendi li d-dijanjosi ta‟ Mr Massimo Abela kienet fis-sens illi l-uġigħ f‟siequ kien riżultat ta' osteoarthritis, li hija forma ta' artrite. Fil-fatt, fiċ-ċertifikat mediku rilaxxat mill-istess kirurgu datat 22 ta' Frar 2013 a fol. 20 tal-proċess, hemm miktub li fl-opinjoni tiegħu, il-kundizzjoni tal-attur m'għandha x'taqsam xejn mal-ksur li sofra ċirka ħamsin sena qabel.

Madanakollu l-Qorti tinnota li fir-rapport maħruġ mill-isptar fl-Isvizzera fejn l-attur mar sabiex jikkonsulta mat-tobba dwar l-operazzjoni fl-għaksa li qallu li għandu bżonn Mr Massimo Abela, hemm miktub li "several operations have been performed on his right ankle over the years, this in order to correct the angle of his foot".
-omissis-

---

[3] L-Ewwel Qorti ċċitat sentenza tal-Prim'Awla (TM) Joseph Rizzo v. John Formosa 03.10.2002 li min-naħa tagħha ċċitat lil Camilleri v Bartolo 22.03.1982 Prim'Awla.
[4] Degiorgio v Agius 25.06.1962 XLVI.ii.656 Prim'Awla u oħrajn.
[5] Din kienet il-fehma tal-Qorti fis-sentenza Rizzo v Formosa suċċitata.

Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha taċċetta l-verżjoni tal-attur li Pio Dalli kien qallu li mhemmx għalfejn isemmi li kien waqa‟ u kiser l-għekiesi ta‟ siequ meta kien żagħżugħ, jew li din l-informazzjoni ma kienitx materjali tenut kont taż-żmien twil li kien għadda, żgur li l-attur kellu l- obbligu jsemmi l-cortisone injection li ngħata fl-2006 u ċioè sena biss qabel ma ssottometta l-proposal form, kif ukoll ir- raġuni għalfejn kellu bżonn dan it-trattament. Fil-fatt, jidher li kien proprju għaliex naqas milli jiżvela din l-informazzjoni li l- konvenuta ddeċidiet illi tikkanċella l-polza tal-attur abbażi ta‟ non-disclosure of a material fact. Ċertament illi dan l-episodju l-attur kien obbligat isemmih almenu taħt l-ewwel u tieni mistoqsija tar-raba‟ sezzjoni tal-proposal form u ċioè kellu jwieġeb fl-affermattiv għas-segwenti:

> *"Consulted a medical practitioner and been provided with prescriptions for any drugs or medication within the last two years?*
>
> *Consulted a specialist in the last two years in connection with an actual or suspected medical condition?"*

Inoltre, kellu jagħti aktar dettalji dwar l-inċident u t-trattament relattiv fejn ġie mitlub jagħmel hekk fl-istess proposal form.

L-attur stess stqarr illi għamel xi żmien jaħdem bħala underwriter ma' Lloyds f‟Londra u allura din il-Qorti aktar u aktar issibha diffiċli temmen il-verżjoni tiegħu li ġenwinament ħass li ma kienx hemm bżonn li jsemmi almenu l-inċident li kellu ftit qabel ma ssottometta l-proposal form meta weġġa' siequ, liema inċident wassal sabiex kellu bżonn cortisone injection għall-uġigħ.

Abbażi tal-provi prodotti, din il-Qorti mhijiex konvinta mill-verżjoni tal-attur li l-għaksa ma kinitx taghtih problema qabel l-2007 u dan definittavment

kien fatt materjali li kellha tkun tafu l-konvenuta. Il-fatt li l-cortisone injection ingħatat on an outpatient basis ma jfissirx illi l-attur ma kellux l-obbligu jinforma lill-konvenuta dwar dan it-trattament u l-istorja warajh.

Mhuwiex rilevanti għall-każ li l-attur huwa bniedem attiv jew li l-ksur li sofra meta kien żgħir ma kellu l-ebda inpatt fuq ħajtu. Li huwa rilevanti hu li l-attur ħeba li kellu bżonn interventi mediċi tal-inqas f‟għaksa waħda u dan sa sena biss qabel ma ssottometta l-proposal form, jiġifieri l-attur stess qiegħed jammetti li ftit qabel kellu inċident ieħor fl-għaksa tant illi kellu bżonn *cortisone injection*.

Huwa irrelevanti wkoll li l-operazzjoni fl-għaksa li nstab li kellu bżonn l-attur fl-2012 kienet riżultat ta' l-artrite u ma kellha xejn x'taqsam mal-inċidenti li kellu fil-passat għaliex il-fatt xorta waħda jibqa‟ li huwa naqas milli jsemmi informazzjoni li kienet materjali fuq il-proposal form, u minħabba f‟hekk, il-konvenuta kellha kull dritt tikkanċella l-polza in kwistjoni kif għamlet. Inoltre, huwa maghruf ukoll illi trawma f'ġok twassal ghal artrite aktar bikrija minn normal.

Minkejja li mart l-attur tippretendi li sal-2011 żewġha qatt ma lmenta minn uġigħ fl-għaksa, din il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen din l-asserzjoni meta jirriżulta mill-atti li fl-1996 l-attur kellu bżonn operazzjoni biex titneħħa ċeste u fl-2006 kellu bżonn cortisone injection għall-uġigħ minħabba li weġġa' sieqi. Il-Qorti tinnota wkoll li l-affidavit tal-personal trainer jirreferi għall-perjodu minn 2007 sa 2009 u allura mhux rilevanti għall-mertu tal-kawża tal-lum, fejn il-kwistjoni hija dwar l-inċidenti u interventi mediċi li ma zvelax li kellu l-attur fis-snin qabel l-2007.

L-appellant jissottometti li l-kejl li għandu jintuża' f'dan ir-rigward huwa jekk persuna raġonevoli, mingħajr ebda tagħrif speċjalizzat, kienx japprezza li kellu nformazzjoni li setgħet tkun materjali għad-

determinazzjoni ta' riskju mill-assikuratur. L-injezzjoni biex tneħħi l-uġigħ kienet ta' darba minħabba li lewa siequ huwa u jixxabbat ma' muntanja. Kienet ħaġa ta' natura tranżitorja li ma kellhiex riperkussjonijiet fit-tul. L-għaksa milwija fieqet għal kollox.

L-appellant isostni li aġixxa in bona fede tant li kien hu li pprovda traduzzjoni mill-Ġermaniż tar-rapporti dwar is-*second opinion* dwar il-ħtieġa ta' intervent li kellu fis-sena 2012 imnejn irriżultaw l-interventi mediċi li sarulu.

L-appellant ikompli jgħid li ma nġiebet l-ebda prova ta' x'effett seta' kellu dan il-ħabi fuq l-assikuratur. Impossibbli jġib prova bħal din; il-piż tagħha kien fuq Laferla li ma ġabet l-ebda prova fir-rigward.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. Filwaqt li tifhem li l-apprezzament soġġettiv tal-assikurat in bona fede jista' jkun rilevanti b'mod ġenerali, ma jidhirx li jkun hemm loku meta jiġi mistoqsi domandi ċari u speċifiċi. Il-Qorti tifhem li d-domandi li jagħmel l-assikurat, almenu bħala regola ġenerali jekk mhux dejjem, jagħmilhom għax għalih ikunu materjali. Għalhekk hemm preżunzjoni ta' ħabi kontra l-assikurat jekk dan ma jweġibx korrettement dawn id-domandi.

Kif irrimarkat il-House of Lords fis-sentenza famuża **Pan Atlantic Insurance Co Ltd v Pine Top Insurance Co. Ltd.:**

> *A material circumstance is one that would have an effect on the mind of the prudent insurer in assessing the risk and it is not necessary that it would have a decisive effect on the insurer's acceptance of the risk or on the amount of premium charged.*

Min-naħa l-oħra, huwa minn ewl id-dinja, u m'hemm bżonn tal-ebda prova, li l-interventi li kellu l-attur kienu tali li l-assikurat kien sejjer jieħu in kunsiderazzjoni huwa u jiżen ir-riskju li kien mistieden jidħol għalih.

Din il-Qorti ma ssib xejn inkongruwu, inadegwat, jew illoġiku fil-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-materjalita` tan-*non disclosure* mill-attur.

It-tieni aggravju għalhekk mhuwiex sejjer jintlaqa'.

It-tielet aggravju hu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li ma setgħetx timponi fuq il-konvenuti obbligu ta' tiġdid tal-polza. L-Ewwel Qorti qieset li t-tiġdid tal-polza huwa fid-diskrezzjoni tal-assikuratriċi. Din il-Qorti tinnota li mill-kopja fotostatika tal-polza li ġiet esibita, ma jirriżultax b'mod ċar x'inhu t-terminu tal-polza, u l-mod kif din setgħet tiġi mġedda. M'hemm l-ebda preżunzjoni legali li kuntratt jibqa' jiġġedded u għalhekk il-piż tal-prova jaqa' fuq l-attur. L-attur ma ppreżentax il-polza. Kampjun ta' polza tal-istess tip ġiet esibita mill-konvenuti.[6] L-attur ma ressaq l-ebda prova dwar it-tiġdid tal-polza. Keith Laferla, Assistant General Manager ta' Laferla xehed bil-mezz tal-affidavit li l-polza ġiet ikkanċellata fl-24 ta' Jannar 2013 u li kieku ma ġietx ikkanċellata, kienet tiskadi fid-29 t'Ottubru 2013. Qal ukoll li "*A Health Insurance Policy is an annual contract and the insurer is never obliged to offer renewal*".[7] Fil-kontroeżami li sarlu[8] ma ġie mistoqsi xejn fir-rigward ta' din l-istqarrija. Dak li huwa żgur hu li l-appellant, wara li ġie nfurmat mill-assikuratriċi li l-polza li kienet għadha miexja ġiet ikkanċellata, la baqa' jħallas il-premium; la talab lill-assikuratriċi tkompli taċċettah, u lanqas iddepożitah il-Qorti. Li jfisser li aċċetta li l-polza ġiet itterminata.

Minħabba f'hekk, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

[6] Fol. 146.
[7] Fol. 195.
[8] Fol. 212 et seq.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħdha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti. L- ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss